MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR.
## PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 20/1988/2

**Francis Buttiġieġ**

**vs**

**Lawrence Fenech;**
**Anthony Fenech;**
**u Joseph Fenech;**
**ilkoll Diretturi għan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Francesco Fenech Limited**

**Illum l-Ġimgħa, 22 ta' Marzu 2013**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi:

Premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provedimenti kollha opportuni;

Illi l-attur kien għamel ftehim tal-kwalita’ “Perlato Sicilia” u “Marmores Type” liema rħam kellu jitwaħħal mill-ħaddiema mqabbda mill-attur fil-fond tal-attur stess – fond bla numru Triq in-Nadur, Qala, Għawdex u dan il-ftehim kien ġie konkjus fit-tmienja u għoxrin ta’ Settembru tal-elf disa mija seba u tmenin (28-ix-1987) peress li l-attur kien effetwa depositu akkont tal-prezz fis-somma ta’ **erba mija tminja u disgħin lira maltija (Lm498)** u liema ħlas kien sar fl-uffiċju tal-konvenut ossija l-aġent tagħhom fil-Belt Vittorja, Għawdex;

Illi wara li saret id-debita konsenja tal-biċċiet tar-rħam mill-konvenuti f’Għawdex, l-attur kien ħa ħsieb inkariga l-imgħallem Tony Galea minn Nadur, Għawdex sabiex jagħti bidu għall-istess xogħol ta’ twaħħil tal-istess rħam fil-fond tiegħu fuq msemmi;
Illi wara li tlesta t-twaħħil tal-istess xogħol ta’ rħam fl-art tal-fond fuq imsemmi l-attur skond il-prattika u kif titlob l-arti u s-sengħa kien ħa ħsieb inkariga lill-imgħallem Julian Sultana mix-Xagħra, Għawdex sabiex jorok, jillostra u jagħti l-finish normali lill-istess rħam li kien twaħħal;

Illi hekk kif ta’ bidu għall-istess xogħol ta’ għorrieq l-imgħallem mqabbad mill-attur Julian Sultana kien ġibed l-attenzzjoni għal l-fatt li kien jidher li x-xogħol ma kienx ġej sewwa minħabba li kien donnu qed jitfaċċaw tbajja fl-istess rħam u għalhekk talab lill-istess attur ħalli jikkuntatja lill-konvenuti nomine jew lir-rappresentant tagħhom f’Għawdex ċertu Damian Cauchi;

Illi wara li kkuntatja lill-konvenuti fuq assikurazzjoni tal-istess Damian Cauchi, wara li kien spezzjona l-istess xogħol **fl-erba u għoxrin ta’ April** tas-sena korrenti, l-attur kien intallab li jkompli l-istess xogħol ta’ għorrieq u anke sabiex jagħti l-aħħar għorrieqa u sussegwentement anke l-polish sabiex l-istess rħam jiġi kif suppost mingħajr ebda tbadja u stante ukoll l-assikurazzjoni da parti tal-istess li dak ma kellu xejn ħazin u ebda difett;

Illi wara li tlesta l-istess xogħol kif kien suġġerit mill-istess Damian Cauchi fil-ġimgħa ta’ bejn **it-Tnejn , 2 ta’ Mejju** u

l-**Ġimgħa, 6 ta’ Mejju** tas-sena korrenti l-attur deherlu li nonostante assikurazzjoni da parti tal-istess Cauchi r-rappresentant tal-konvenuti nomine f’Għawdex l-istess xogħol ta’ rħam kien jidher deffinittivament li ma kienx aċċettabbli stante li kien ta’ kwalita difettuża u mhux skond l-kwalita’ patwita u wara li l-istess Damian Cauchi anke spezzjana l-istess xogħol nhar il-**Ħadd, 9 ta’ Mejju** tas-sena korrenti u esprima l-istess opinjoni l-attur talab li l-istess xogħol jiġi aġġustat mill-konvenuti a spejjes interament tagġhom iżda dawn evitaw li jitkellmu mall-attur taħt skuza jew oħra u wara li ġie r-rappresentant tagħhom fid-dar tal-attur f’Għawdex sabiex jara l-istess rħam, nhar il-**Ħamis, 12 ta’ Mejju** u ssuġerixxa li kien se jagħtih risposta lill-attur iżda dawn baqgħu ma kellmuh xejn u kull meta kkuntatjahom jgħidulu li kienu okkupati b’xogħol ieħor u b’hekk jevitaw li jagħtuh risposta definittiva;

Illi d-difett fuq msemmi huwa difett serju fil-kwalita’ ta’ rħam mibjugħ u kkonsenjat mill-konvenuti nomine lill-attur u liema difett immanifesta ruħhu definittivament fil-ġimgħa li fih tlesta x-xogħol tal-għorrieq kif ordant u ċioe bejn t-**2 u 6 ta’ Mejju** tas-sena korrenti u liema difett l-attur ma setgħax jinduna bih meta xtrara l-istess rħam;

Talbu lill-konvenuti nomine jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li jeżisti difett li kien latenti fl-irħam mibjugħ u kkonsenjat lill-attur u mixtri mingħand il-konvenuti nomine u dana kif jiġi dettaljatament ippruvat waqt is-smiegħ u trattazzjoni tal-kawża, u dana anke jekk hemm bżonn b’opera ta’ periti nominandi u liema difett l-attur ma kienx jaf bih fl-okkazzjoni tax-xiri tal-istess rħam u lanqas setgħa jinduna bih;

2. Tiddikjara l-konvenuti nomine responsabbli li jroduu lura lill-attur dik il-biċċa tal-prezz ridotta minħabba l-fuq msemmi difett;

3. Tillikwida dik il-biċċa tal-prezz li għandha tiġi mroddha lura lill-attur mill-konvenuti nomine;

4. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jħallsu dik il-biċċa tal-prezz fuq likwidatha;

Bl-ispejjeż kollha u b'riserva għal kull azzjoni ta' danni spettanti lill-attur u bl-inġunzzjoni minn issa tal-konvenuti nomie għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi maħlufa mill-attur.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha eċċeppew illi:

1. Din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizjoni ta' din il-kawża peress li kemm is-soċjeta konvenuta kif ukoll id-diretturi tagħha huma residenti f'Malta u mhux Għawdex;

2. Illi mingħajr preġudizzju tal-premess il-madum konsenjat kien ta' kwalita' tajba u mhux difettuz u inoltre ġie konsenjat skond il-kundizzjonijiet tal-ftehim bejn il-partijiet tat-28 ta' Settembru 1987 (Dok X) hawn anness;

3. Salv eċċezjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Anthony Fenech.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti nomine li permezz tagħha, wara li ppremettew illi:

1. Illi l-esponenti biegħu u ikkonsenjaw lill-attur Francis Buttiġieġ kwantita' ta' madum "Perlato Sicilia" u Marmoresina B.A." bil-prezz ta'  2208.70; illi l-esponenti taw skont ta' 104.70 fuq dan il-prezz u l-attur ħallas akkont is-somma ta' 498.00 u għalhekk baqgħalu jagħti il-bilanċ ta' 1606.00; illi interpellat biex iħallas baqa' inadempjenti.

Talbu lill-attur jgħid għaliex din il-Qorti m'għandiex:

1. Tikkundannah iħallas is-somma ta’ elf sitt mija u sitt liri (1606.00), bilanċ ta’ somma akbar prezz ta’ madum lili mibjugħ u konsentjat kif skond kont hawn anness Doc “X”.

Bl-ispejjeż kontra l-istess attur Francis Buttiġieġ li huwa inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti annessa ma’ din il-kontro-talba, debitament maħlufa.

Rat in-Nota ta’ l-Eċċezzjonijiet ta’ l-attur għal din il-kontro-talba, li biha eċċepixxa illi:

1. It-talbiet attriċi tempestiva stante li l-istess Francis Buttiġieġ qatt ma ġie nterpellat jħallas lill-Fenech nomine et u għalhekk l-istess Buttiġieġ ma għandu jbati spejjeż;

2. Illi f’kwalunkwe każ salv il-premess it-talba għal-ħlas hija eċċessiva;

3. Illi għalhekk it-talbiet huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;

4. Salv eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur debitament maħlufa u annessa ma’ din in-Nota ta’ l-Eċċezzjonijiet.

Rat is-sentenza tagħha tas-17 ta’ Marzu 1989 dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Marzu 1989 fejn innominat lil Victor Sare’ bħala perit tekniku.

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Novembru 1990 fejn Victor Sare’ ġie sostitwit bl-A.I.C. Emanuel Vella fl-istess inkarigu.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' April 2006 fejn issostitwiet lill-A.I.C. Vella bl-A.I.C. Joseph Mizzi fl-istess inkarigu.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-A.I.C. Joseph Mizzi ppresentat fis-16 ta' Marzu 2007 u minnu maħluf fl-24 ta' Frar 2012.

Rat id-domandi in eskussjoni tal-perit tekniku ppresentati mill-konvenuti nomine fil-11 ta' Ġunju 2012.

Rat ir-risposti tal-perit tekniku għal dawn id-domandi, minnu kkonfermati bil-ġurament fil-15 ta' Ġunju 2012.

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Settembru 2012 fejn irrimettiet l-atti lill-perit tekniku sabiex jirrelata wkoll dwar it-tielet talba attriċi.

Semgħet lill-istess perit jixhed verbalment dwar din it-talba fl-udjenza tas-16 ta' Novembu 2012.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Frar 2012  fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' l-osservazzjonijiet  rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti  esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jeżerċita l-*actio aestimatoria* a tenur ta' l-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili, u ċioe' li jingħata riduzzjoni fil-prezz ta' kwantita ta' madum ta' l-irħam tat-tip "Perlato Sicilia" mixtri mingħad il-konvenuti nomine u lilu konsenjat. Fil-kontro-talba tagħhom il-konvenuti nomine qed jitolbu l-ħlas tal-bilanċ tal-prezz dovut lilhom għal dan il-bejgħ.
Preliminarjament il-konvenuti nomine eċċepew il-*privilegium fori*. B'sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Marzu 1989, din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda.

Fil-mertu mbagħad jirriżulta li l-attur qed jilmenta li parti mill-madum ta' l-irħam li xtara mingħand il-konvenuti kien difettuż għax ma kienx jaqbel mal-kampjun li ġie  muri lilu meta ordna l-istess madum. Il-konvenuti nomine jiċħud din

l-allegazzjoni, u jattribwixxu l-kundizzjoni ta' dan il-madum għall-fatt li bħala prodott naturali il-madum ma jista' qatt ikun kollu kemm hu uniformi.

Permezz ta' l-hekk imsejjħa **azzjoni stimatorja**, l-attur li lilu tiġi mibjugħa ħaġa b'difetti moħbija "***illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izgħar, li kieku kien jaf bihom***" [1] jagħżel illi "***jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabilita mill-Qorti***". [2]

Għalhekk sabiex tirnexxi din l-azzjoni iridu jissussistu żewġ kondizzjoniijiet u cioe' li d-difett huwa (1) wieħed **gravi** u wkoll (2) li kien **moħbi.**

(1) Dwar l-ewwel kondizzjoni intqal fid-dottrina illi: "*Ogni difetto, per quanto sia piccolo, non puo' essere un vizio redibitorio. Se si fosse ammesso il compratore a far sciogliere la vendita per un difetto insignificante della cosa venduta, la stabilita' dei contratti e della proprieta' sarebbe stata scossa. I difetti gravi sono dunque i soli di cui si possa tener conto. Il giudizio sulla gravita' dei difetti e una questione di fatto …Ma il legislatore…ha indicato il criterio che dev'essere di guida ai giudici per fare quest'apprezzamento: I difetti sono gravi* ***quando rendono la cosa non atta all'uso cui e' destinata o che diminuiscono considerevolmente le ulitita'*** *che quest'uso poteva dare, tal che il compratore non avrebbe comprato o avrebbe dato un prezzo minore, se li avesse conosciuti. Bisogna dunque che le utilita' della cosa siano considerevolmente diminuite; una diminuzione leggera non basterebbe…*" [3]

Dawn il-kriterji huma simili ħafna għal dak li nsibu fil-liġi tagħna,[4] bid-differenza illi, minflok diminuzjoni fl-utilita', l-liġi tagħna ssemmi l-**valur.** Fil-każ in eżami l-atturi qed

---

[1] Art.1424 kap.16
[2] art.1427 kap.16
[3] Baudry-Lacantinerie: Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: della Vendita e della Permuta : para.416 pag.437
[4] art.1424 kap.16

jikkontendu illi minħabba l-allegat difett f’parti mill-madum konsenjat, il-prezz dovut lill-konvenuti għandu jkun inqas minn dak attwalment mitlub.

(2) Dwar it-tieni kondizzjoni, u ċioe' li d-difett irid ikun moħbi, ingħad fid-dottrina kontinentali rigward kondizzjoni simili għal dik li nsibu fil-liġi tagħna, illi: "*Bisogna che i vizi siano occulti. L'art.1641 lo dice espressamente.* ***'Il venditore e' tenuto a garantire la cosa venduta dai vizi occulti***.' (c.f art.1424 kap.16 tal-liġi tagħna). *E l'art.1642 accentua cio' aggiungendo:* ***'Il venditore non e' tenuto pei vizi apparenti che il compratore avrebbe potuto da se' stesso conoscere***.' (c.f art.1425 kap.16). *Quando i vizi sono apparenti, si presume che il compratore abbia accettata la cosa coi suoi vizi e non puo' essere ammesso di ritornare su questa convenzione.*

*Il vizio si deve considerare come occulto tutte le volte che il compratore non ha potuto scoprire merce' un esame attento della cosa venduta; si deve al contrario, considerare come apparente tutte le volte che con un esame attento, che un uomo serio porta negli affari che tratta, il compratore ha potuto notarli. Un difetto non e' occulto per cio' solo che il compratore non l'ha visto; se questo non ha fatto della cosa se non un esame superficiale non puo' prevalersi d'un vizio che dipendeva da lui di notare. L'art.1462* (simili ghall-artikolu 1425 tal-ligi taghna) *dice che il vizio e' apparente, se il compratore ha potuto da se' stesso conoscerlo; dunque quando il venditore prova ch'era possibile al compratore,al momento della vendita,di scoprire il vizio,questo vizio non e' occulto*.[5]

L-attur jikkontendi  illi huwa seta’ jinduna biss bl-allegat difett fil-madum mixtri minnu  wara li dan tqieghed fir-residenza tiegħu u ngħorok minn ħaddiema nkarigati minnu. Dan ikkonfermah il-perit tekniku fuq domanda speċifika in eskussjoni,[6] u ma jidhirx li l-konvenuti nomine qed jikkontestaw dan l-istat ta’ fatt.

[5] op.cit. para.418 pag.438-439
[6] Ara risposta ghad-domanda nru.7 a fol.161

Il-perit tekniku, l-A.I.C. Joseph Mizzi, li ra dan l-irħam fir-residenza ta' l-attur irrelata fir-rapport tiegħu li:

"*Id-difett f'dawn it-tletin maduma huwa dovut għall-fatt illi l-kulur tagħhom, meta tqiegħed u ntorok il-paviment kollu mill-konvenuti, ħareġ jew abjad kompletament jew parti minnu u għalhekk differenti mill-kulur tal-kumplament tal-madum imqiegħed u moruk. Għaldaqstant il-kulur tal-paviment ma huwiex konsistenti, u l-attur jikkontendi li dan id-difett għandu jiġi rranġat.*" Imbagħad jikkonkludi fl-istess relazzjoni illi: "*Il-fatt li l-kulur tal-paviment ma huwiex konsistenti jew uniformi, l-allegat difett jeżisti.*" [7] Imma għad-domandi in eskussjoni li sarulu mill-legali tal-konvenuti nomine, l-istess perit għamel is-segwenti kjarifiki: "*Il-"Perlato Sicilia" huwa oġġett naturali. Bħala oġġett naturali l-irħam ikanġi. Bħala oġġett naturali l-irħam qatt ma jista' jkun uniformi. Oġġett manufatturat biss jista' jkun kompletament konsistenti u unifomi. Dak li l-esponent iddeskriva bħala difett fil-konklużjonijiet tiegħu mhux ħlief varjazzjoni u nuqqas ta' uniformita' minħabba li dan mhu xejn ħlief oġġett naturali.*" [8]

Jirriżulta għalhekk illi dak li l-attur qed isejjaħ difett fit-tletin maduma msemmija, m'hu difett xejn imma varjazzjoni nevitabbli fil-kulur ta' l-irħam li huwa mistenni fi prodott derivat direttament min-natura u mhux manufatturat. Il-posizzjoni kienet forsi tkun differenti li kieku l-attur ġie supplit b'madum ta' l-irħam ta' tip differenti minn dak miftiehem. Imma mkien ma ssemma li l-madum lamenat seta' ma kienx tat-tip "Perlato Sicilia." Infatti tant huwa ħaġa komuni li jkun hemm dawn il-varjazzjonijiet fil-kulur ta' l-irħam, li fil-kuntratt ta' bejgħ relattiv redatt fuq formula stampata għall-bejgħ ta' prodotti simili mibjugħa minnhom, il-konvenuti nomine kienu nkudew kondizzjoni speċifika fis-sens li: "*Dwar l-irħam provist qiegħed jiġi relevat illi għalkemm il-kuntrattur jagħmel kull sforz biex ix-xogħol jiġi esegwit skond il-materjal ordnat, il-kuntrattur ma jistax jiggarantixxi qbil eżatt tal-vini ta' l-irħam u lanqas ma*

[7] Ara relazzjoni a fol. 150 tal-process
[8] Ara risposti in eskussjoni a fol. 161

*jiggarantixxi li l-irħam ma jixpakkax peress li l-irħam huwa fin-natura difettuż…*" [9] Sinjifikanti wkoll il-fatt, illi kif xehdet ir-rappresentanta tas-soċjeta' konvenuta, l-attur lmenta biss minn dan l-irħam wara rċieva l-kont għall-ħlas, u mhux hekk kif inkixfet id-differenza fil-kulur ma' l-għorik tal-madum.[10] F'tali ċirkostanzi għalhekk ma jistax jingħad li tassew jeżistu xi difetti ta' gravita' tali li jintitolaw li x-xerrej jingħata diminuzzjoni fil-prezz, kif qed jippretendi l-attur.

Fir-rigward imbagħad il-kontro-talba ta' l-attur, mhux miċħud li mill-prezz globali ta' Lm2104, l-attur kien għad baqagħlu jħallas is-somma ta' Lm1606, u ċioe' dak mitlub fil-kontro-talba.[11] Id-difiża tiegħu f'dan ir-rigward kienet li t-talba kienet intempestiva minħabba d-diminuzjoni fil-prezz li huwa kien qed jippretendi għall-allegat difett f'parti mill-irħam konsenjat. Madankollu, ġialadarba rriżulta li ma kien hemm ebda difetti, din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi:

(a) Fir-rigward taċ-ċitazzjoni ta' l-attur billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti nomine, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjez kontra l-attur, ħlief għal dawk tas-sentenza preliminiari li, skond l-istess sentenza għandhom ikunu a karigu tal-konvenuti nomine.

Fir-rigward tal-kontro-talba billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonjiet ta' l-attur, tilqa' t-talba u tikkundanna lill-attur sabiex iħallas lill-konvenuti nomine s-somma ta' elf sitt mija u sitt liri maltin (Lm1606) jew aħjar illum tliet elef seba' mija u erbgħin euro u seba' u disgħin ċenteżmu (€3740.97), rappresentanti bilanċ ta' prezz ta' madum ta' l-irħam mibjugħ u konsenjat lill-attur. Bl-ispejjeż ta' din il-kontro-talba għall-attur.

**< Sentenza Finali >**

[9] Ara kopja tal-kuntratt ta' bejgh a fol. 18, klawsola nru. 4
[10] Ara deposizzjoni ta' Valentina Cauchi a fol.119
[11] Ara kopja tal-fattura relattiva ghal dan il-bejgh, esebita a fol.17

---------------------------------TMIEM---------------------------------